VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,656, 11 ta' Ottubru, 2016
Taqsima B

A.L. 340 tal-2016

ATT DWAR L-AMMINISTRAZZJONI PUBBLIKA (KAP. 497)

Ordni tal-2016 li jemenda l-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija dwar it-Taqsima dwar l-Enerġija Sostenibbli u l-Konservazzjoni tal-Ilma

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 36(4)(b) tal-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, il-Prim Ministru għamel dan l-Ordni li ġej:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dan l-Ordni huwa l-Ordni tal-2016 li jemenda l-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija dwar it-Taqsima dwar l-Enerġija Sostenibbli u l-Konservazzjoni tal-Ilma, u dan l-Ordni għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Ordni li Jwaqqaf l-Aġenzija dwar it-Taqsima dwar l-Enerġija Sostenibbli u l-Konservazzjoni tal-Ilma, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Ordni prinċipali". L.S. 497.08

Jemenda t-titolu u l-artikolu 1 tal-Ordni prinċipali.

2. Fit-titolu u fl-artikolu 1 tal-Ordni prinċipali, minflok il-kliem "l-Aġenzija dwar it-Taqsima dwar l-Enerġija Sostenibbli u l-Konservazzjoni tal-Ilma" għandhom jidħlu l-kliem "Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma".

Jissostitwixxi l-artikolu 2 tal-Ordni prinċipali.

3. L-artikolu 2 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Tifsir.

2. F'dan l-Ordni, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

Kap. 497.

"Att" tfisser l-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika;

"Aġenzija" tfisser l-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għall-enerġija u l-ilma u tinkludi kull persuna awtorizzata mill-Ministru f'ismu;

"Segretarju Permanenti" tfisser is-Segretarju Permanenti fil-Ministeru responsabbli għall-enerġija u l-ilma.".

Jissostitwixxi l-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali.

4. L-artikolu 3 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-

VERŻJONI ELETTRONIKA

artikolu ġdid li ġej:

"Twaqqif tal-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma.

3. Għandu jkun hemm Aġenzija, li tkun magħrufa bħala l-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma, li għandha twettaq funzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mad-disinjar, l-implimentazzjoni u t-tixrid tal-politika dwar l-ilma, l-enerġija konvenzjonali u l-enerġija alternattiva.".

Jissostitwixxi l-artikolu 4 tal-Ordni prinċipali.

5. L-artikolu 4 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Responsabbiltajiet tal-Aġenzija.

4. Fl-esekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħha, l-Aġenzija għandu jkollha r-responsabbiltajiet li ġejjin:

(a) id-disinjar, l-iżvilupp u l-koordinanzzjoni marbuta ta' politiki u miżuri dwar enerġija konvenzjonali u alternattiva, flimklien mal-politika dwar l-ilma u governanza sigura mal-firxa ta' u fi ħdan il-Ministeri, Dipartimenti u entitajiet governattivi;

(b) il-monitoraġġ, ir-reviżjoni u l-aġġornament tal-politika tal-enerġija konvenzjonali, l-enerġija alternattiva u l-konservazzjoni tal-ilma bi qbil mar-rekwiżiti tal-Unjoni Ewropea u dawk internazzjonali;

(ċ) tmexxi u tikkoordina proġetti ko-finanzjati li għandhom x'jaqsmu mal-enerġija konvenzjonali, l-enerġija alternattiva u l-ilma fil-Ministeri;

(d) id-disinjar, l-iżvilupp u l-ġestjoni ta' għarfien, edukazzjoni, informazzjoni u qafas ta' komunikazzjoni sostenibbli mmirat biex jinfluwenza l-imġiba lejn l-użu ta' enerġija alternattiva;

(e) it-tfassil ta' proposti leġislattivi bħala appoġġ tal-politiki nazzjonali kif meħtieġ;

(f) kull inizjattiva jew attività oħra li huma komplimentari u li jwasslu għat-twettiq tar-responsabbiltajiet tal-Aġenzija; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(g) ir-regolamentazzjoni ġenerali tal-proċeduri tagħha, hekk iżda li ma jkunx hemm ksur ta' dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra.".

Jemenda l-artikolu 5 tal-Ordni prinċipali.

6. L-artikolu 5 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għat-Taqsima." għandhom jidħlu l-kliem "Ministru responsabbli għall-Aġenzija.";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "Ministru responsabbli għat-Taqsima" għandhom jidħlu l-kliem "Ministru responsabbli għall-Aġenzija"; u

(ċ) fit-tieni proviso tas-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "r-responsabbiltà tat-Taqsima" għandhom jidħlu l-kliem "ir-responsabbiltà tal-Aġenzija".

Jissostitwixxi l-artikolu 6 tal-Ordni prinċipali.

7. L-artikolu 6 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

"Għamla operattiva tal-Aġenzija.

6. (1) L-Aġenzija għandha, b'konsultazzjoni mal-Ministru, tistabbilixxi u torganizza mill-ġdid l-unitajiet, id-diviżjonijiet u s-sezzjonijiet kif xieraq sabiex teżerċita l-funzjonijiet primarji tagħha, *inter alia*, rigward il-politika dwar l-enerġija, l-enerġija rinnovabbli u l-enerġija alternattiva, il-konservazzjoni u l-ġestjoni tal-programm dwar l-ilma u rigward funzjonijiet oħra ta' appoġġ.

(2) L-operazzjonijiet tal-Aġenzija għandhom jimxu ma' Ftehim li għandu jiġi miftiehem bejn is-Segretarju Permanenti u l-Aġenzija.".

Jissostitwixxi l-artikolu 7 tal-Ordni prinċipali.

8. L-artikolu 7 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi sostitwit bl-artikolu ġdid li ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

"Rwol tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni.

7. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' dan l-Ordni, it-tmexxija eżekuttiva tal-Aġenzija, l-amministrazzjoni u l-organizzazzjoni u l-kontroll amministrattiv tal-uffiċjali u l-impjegati tagħha, għandhom ikunu taħt ir-responsabbiltà tal-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni, li għandu jinħatar mill-Ministru.

(2) L-Uffiċjal Eżekuttiv Ewlieni għandu jkun responsabbli għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Aġenzija u għandu, mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel:

(a) jassumi responsabbiltà sħiħa għad-direzzjoni u l-kontroll globali tal-unitajiet, diviżjonijiet u sezzjonijiet;

(b) jassenja lil kull unità, diviżjoni u sezzjoni dawk id-dmirijiet li hu jikkunsidra meħtieġa jew spedjenti;

(ċ) jikkoordina x-xogħol tal-unitajiet, diviżjonijiet u sezzjonijiet;

(d) jiżviluppa l-istrateġiji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-objettivi tal-Aġenzija; u

(e) iwettaq dawk id-dmirijiet l-oħra li l-Ministru responsabbli jista' jassenjalu minn żmien għal żmien.".

Jemenda l-artikolu 8 tal-Ordni prinċipali.

9. L-artikolu 8 tal-Ordni prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fin-nota marġinali tiegħu, minflok il-kliem "ingaġġati mit-Taqsima." għandhom jidħlu l-kliem "reklutati mal-Aġenzija";

(b) fis-subartikolu (1) tiegħu, minflok il-kliem "jaħdmu mat-Taqsima" għandhom jidħlu l-kliem "jaħdmu mal-Aġenzija"; u

(ċ) fis-subartikolu (2) tiegħu, minflok il-kliem "it-Taqsima jkollha" għandhom jidħlu l-kliem "l-Aġenzija għandu jkollha".

Jemenda l-artikolu 9 tal-Ordni prinċipali.

10. Fl-artikolu 9 tal-Ordni prinċipali, minflok il-kliem "It-Taqsima" u "t-Taqsima" għandhom jidħlu l-kliem "L-Aġenzija" u "l-

VERŻJONI ELETTRONIKA

Aġenzija" rispettivament.

Emenda ġenerali.

11. B’effett mid-data tad-dħul fis-seħħ ta’ dan l-Ordni, kull referenza għat-"Taqsima dwar l-Enerġija Sostenibbli u l-Konservazzjoni tal-Ilma" f’xi liġi, kuntratt, jew dokument legali ieħor sew jekk legalment vinkolanti jew mhux legalment vinkolanti, għandhom jiġu interpretati bħala referenza għall-"Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma" mingħajr il-ħtieġa ta’ ebda formalitajiet oħra barra dan l-Ordni.